MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1643/2003

**Cauchi Transport Services Ltd**

**vs**

**Anthony Sciberras ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Acsons Enterprises**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Awwissu, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannata ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u sittin lira maltin u disgha w tletin centezmu (Lm161.39) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' trasport u garr ta' merkanzija u spejjez ohra maghmula fuq struzzjonijiet tieghu.

Bl-ispejjez involuti u dawk tal-ittra interpellatorja datata 25 ta’ Novembru, 2002, u bl-imghaxijiet kumercjali mid-data ta’ meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut deher fis-seduta tal-14 ta’ Novembru, 2003, u inghata z-zmien biex jipprezenta risposta baqa’ ma pprezentax anke illum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm161.39), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------